Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,644, 24 ta' Lulju, 1998
Taqsima B

A.L. 178 ta' l-1998

ATT TA' L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-Workers' Participation Development Centre

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti li ġejjin magħmulin mill-Bord tal-Workers' Participation Development Centre bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-Workers' Participation Development Centre.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Workers' Participation Development Centre;

"il-Bord ta' l-Istudji" ifisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur għall-Kors;

"iċ-Ċentru" ifisser il-Workers' Participation Development Centre; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 1998 'il quddiem.

Il-Bord ta' l-Istudji

3. Bord ta' l-Istudji għandu jkun appuntat għall-Kors magħmul mid-Direttur taċ-Ċentru bħala *Chairman* u mill-anqas minn żewġ u mhux aktar minn ħames membri akkademiċi appuntati fuq il-parir tal-Bord.

Ir-Registrazzjoni

4. Il-kandidati li kisbu grad ta' Bachelor fil-livell bl-Unuri (normalment mhux anqas mit-Tieni Klassi Taqsima Superjuri) f'qasam ta' studju relatat mill-qrib mar-relazzjonijiet industrijali jistgħu japplikaw. Il-Bord ta' l-Istudji jista' jikkonsidra wkoll applikazzjonijiet minn kandidati bi kwalifika minn din jew minn universita' oħra kkunsidrata bħala ekwivalenti mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji.

5. Il-Bord ta' l-Istudji jista' jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali li għandhom ikunu sodisfatti matul il-Kors.

6. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni għandhom jinkludu t-titlu tad-dissertazzjoni proposta u proposta ta' riċerka ddettaljata, normalment ta' madwar 1000 kelma. Is-suġġett propost għandu jkun fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali jew f'xi qasam ta' studju ieħor relatat, approvat mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji.

7. Il-kandidati għandhom jipprovdu rakkomandazzjoni minn membru ta' l-istaff akkademiku li huwa lest li jaġixxi ta' superviżur u mid-Direttur taċ-Ċentru.

Format u Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

8. Kemm-il darba ma jkunx speċifikat xort'oħra miċ-Ċentru, it-tul tad-dissertazzjoni m'għandux ikun aktar minn 50,000 kelma.

9. L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu tliet kopji tad-dissertazzjoni llegati kif xieraq għall-eżami u għandhom jinkludu astratt ta' mhux aktar minn 300 kelma. Fi żmien xahar minn meta jgħaddu mill-eżami tad-dissertazzjoni, l-istudenti għandhom jissottomettu żewġ kopji tad-dissertazzjoni, li waħda minnhom għandha tkun depożitata fil-Librerija ta' l-Universita' u kopja oħra miżmuma fiċ-Ċentru, illegati kif ġej:

bid-drapp (jekk jista' jkun iswed) bi qxur iebsa u bil-karti tat-truf ta' kwalita' tajba; b'ittri (jekk jista' jkun bid-deheb) fuq il-qoxra u d-dahar li juru:

(i) l-isem ta' l-istudent;
(ii) l-isem jew l-isem fil-qosor tad-dissertazzjoni;
(iii) il-grad li għalih id-dissertazzjoni qed tkun sottomessa; u
(iv) is-sena meta tiġi sottomessa.

Mapep, disinji, *graphs,* materjal stampat, eċċ. għandhom ikunu llegati mad-dissertazzjoni, iżda jekk dan ma jkunx possibbli għandhom ikunu ppreżentati għalihom f'*folders* jew f'volumi speċjali u nnumerati.

10. It-test għandu jkun ittajpjat fuq karti A4, fuq naħa waħda biss, bi spazju doppju u b'marġni ta' 40 mm fuq ix-xellug u mill-anqas 20 mm minn naħa ta' fuq, t'isfel u tal-lemin.